Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D

Appell Nru: 412/2016

Il-Pulizja

Spettur Priscilla Caruana Lee

Vs

Francis Cremona

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Francis Cremona detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 287184 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta' Mejju 2008 ghal habta tas-siegha ta' filghodu, fi Triq Marsamxett, il-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew ji jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' David Cassar u Mevric Wells, skont ma ccertifikaw it-tobba Dr Ruth Mangion MD u Dr Noel Cassar MD tal-Isptar Mater Dei.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna hsara fil gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Charmaine Bonello u Liam Spiteri, skont ma ccertifika it-tabib Dr Jurgen C. Abela MD tal-Isptar Mater Dei N, Barra minn dan, l-imputat Francis Cremona huwa akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu recediv kif ukoll kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' sentenza moghtija mill-Qorti tal Magistrati nhar il-25 t' April 2006, preseduta mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani LL.D.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju li permezz taghha l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikoli 214 u 218 (1) (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214 u 218 (1) (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- FI-artikoli 214 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382 A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 28 A sa 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relattivament ghal dak misjub fl-artikolu 28 F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 214, 216 (1) (b) u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjorii li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq David Cassar u Mevric Wells ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali izda mhux a tenur tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 kif indikat fin-nota tar-rinviju ta' gudizzju, sabet lill-imputat ukoll

hati tat-tieni imputazzjoni li kkaguna ferita hafifa fuq Charmaine Bonello izda mhux hati li kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Liam Spiteri u kwindi qieghed jigi liberat minn dik il-parti tal-imputazzjoni li tirreferi ghall-istess Spiteri. Inoltre' sabet lill-imputat hati li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif indikat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju u inkwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet bl-applikazzjoni tal artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggietu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mill-lum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghall-imputazzjoni li l-hati kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, b' applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinciz 2 tal-artikolu 28 B testendi l-perjodu operattiv tat-tmintax-il xahar prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' April 2006 ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 il-hati gie ordnat ihallas l-ammont ta' € 4284 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. F' kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ikun hemm konversjoni tal-bilanc fi prigunerija.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-hati b' garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' David Cassar, Mevric Wells u Charmaine Bonello taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena mill-lum sabiex izomm il-kwiet maghhom.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal Probation u Parole.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 t' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza billi;

(i) Tikkonfermha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u cjoe' parzjalment fit-tieni imputazzjoni;

(ii) Thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe' fl-ewwel imputazzjoni, parzjalment mit-tieni akkuza u it-tielet imputazzjoni u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena;

(iii) Minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha fil-partijiet ta' piena u cjoe' fl-ewwel, parzjalment it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet nflitti mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Aggravji:

Illi hawn si tratta ta' leggittima difesa tal-proprjeta ta' persuna. l-appellant ma marx jfittex glieda izda kien ma siehbu gewwa residenza privata. Ma kienx hemm mens rea premeditazzjoni sabiex jsawwat lil allegat vittma / i kif jirrizulta ben sew mill-atti u provi prodotti.

Saret inkjesta magisterjali u dan abbazi illi David Cassar kien iccertifikat fil-

perikolu li jitlef hajtu ghalkemm fortunatament dan malajr qaleb ghall-ahjar. Kien kagun ta' vettura li rifest lil Cassar illi Cassar sefa hekk midrub serjament, liema vettura u ossia sewwieq *ma kienx stabbillit min kien fl-istess mori tal-kawza!* Liam Spiteri xhed li ma ra xejn wkoll.[1]

Jasmine Gatt xhedet illi inversament li xhedu l-allegati vittmi kien appuntu l-appellant li kien qed jaqla' daqqiet u dawn id-daqqiet minn 'xi guvintur'[2]. B' hekk hawn si tratta ta' di piu eccessiva legittima difesa, da parti tal-appellant.

Fatt illi persuna tkun marbuta b' kundizzjoni illi ma twettaqx reat iehor punibbli bi prigunerija (Art. 28 A), ma jfissirx illi din ghandha tabbanduna kull difisa tal-persuna jew proprjeta taghha galadarba tkun hekk attakkata. Hawn huwa idoneju illi issir referenza ghal gurisprudenza simili fatti fejn imputat jkun hekk akkuzat kagun illi sehhew cirkostanzi mhux kagunati minnu per se izda illi jkun dahal fihom bla ebda premeditazzjoni. Fl-appell *P vs Anthony Micallef*[3] sar accenn ghal cirkostanzi meta Qorti ta' Appell kontra prassi regolari, tvarja u tibdel decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti bhala apprezzament ta' prova / i.

*"However, should the overall feel of the case, including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings, leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptional, a conviction may be quashed.'*[4]

L-appellant kif ben sew kien muri mill-provi prodotti, qatt ma kellu xi malintiz lejn xi wiehed jew wahda mill-persuni li soffrew griehi waqt dan l-argument, u inqala' li inqala wara provokazzjoni ikkagunata minn terzi gewwa triq pubblika waqt li l-appellant kien qieghed gewwa residenza privata minghajr ma jghati fastidju lil hadd. Hawnhekk jidhol b' hekk

[1] vide fol. 4 sentenza appellate. *'Huwa ma jafx kif bdiet il-glieda'*
[2] Seduta 20/1/2010
[3] Appelli Inferjuri. 8/2009. JGD datat 30/4/2009.
[4] P vs Cooper (1969); 1 Q B 276. [Blackstone' s Criminal practice 1991. Pg 1392]

aggravju konness solidali mal-aggravju msemmi ta' legittima difesa: meta sehh l-incident, stante illi David Cassar sefa' mtajjar minn vettura ignota sall-lum il-gurnata u wisq izjed is-sewwieq taghha li efettivament ikkaguna l-griehi mertu tal-inkjesta Magisterjali mizmuma, fl-in genere gie mahtur espert tad-DNA cjoe serologista, Dr Paul Sultana.[5]

Fl-inkarigu taghha, l-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera hatret lil espert msemmi, abbazi inkarigu kif isegwi: *'sabiex janalizza kampjun demm Francis Cremona ma kampjun elevat minn fuq vettura.'*[6] Dan jfisser kampjun wiehed ma kampjun tracca demm elevat minn fuq vettura jew ossia fil-vettura cjoe li saq l-imputat stess. Dan sehh abbazi illi ma kienx ghadu stabilit min efettivarnent laqat lil Cassar David waqt li kienet svolgiet din il-glieda matul il-lejl.

Jsegwi illi l-appellant ihossu gravament ippregudikat billi fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnatlu jhallas s-somma mdaqqsa ta' 4284 Ewro rappresentanti spejjes peritali inkjesta Magisterjali. Il-kont mitlub u presentat mit-tabib Paul Sultana jammonta ghal 381O.60c Ewro, meta skond l-inkarigu moghti lilu dan kellu jikkumpara kampjun ma' kampjun mhux 22 kampjuni mhux edatt mill-istess inkarigu moghti lilu! Hlasijiet peritali ghandhom jkunu jew inflitti fuq imputat misjub hati, jew ossia illiberat mill-hlas dovut periti nominate <u>jekk ikun il-kaz illi dinamika tal-incident ma jkunx tort kagunat mill-imputat</u>. Jsegwi kif f' kazijiet ta' legittma difesa, persuna hekk aggredita, li tagixxi sabiex tipprotegi lilha innifisha jew ossia hwejjigha, mhux gust illi tbati l-ispejjes ikkagunati mill-istess glieda mhux inizjata minnha! *Di pui', hawn si tratta ta' griehi fuq David Cassar fejn il-kagun taghhom kien sewwieq mhux identifikat li ghadda b' vettura minn fuq Cassar!* Kienu dawn il-kagun li saret inkjesta Magisterjali stante li David Cassar kien fil-perikolu li jitlef hajtu, u ergo b' hekk inhatar espert tad-DNA Dr Paul Sultana fl-in genere.

---

[5] Vide fol 43 inkjesta process verbal anness fil-process.
[6] Vide fol. 43 process verbal.

Fejn hemm nuqqas ta' dolo jew culpa fil-kamp penali, il-Qrati taghna jew iddeciedew li l-ispejjes jinqasmu nofs b' nofs bejn il-partijiet jew ossia jithallsu parzjalment biss jew anka ebda ammont ma jkun ordnat jkun mhallas mill-Gudizzju moghti mill-Qrati taghna.[7]

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi evalwati l-provi prodotti, kellu jigi applikat l-iskriminanti tal-legittima difiza fil-konfront ta'l-appellanti li irreagixxa minhabba l-bzonn attwali li jiddefendi lilu innifsu u l-proprejta tieghu. Issa l-Ewwel Qorti cahhdet dina l-linja difensjonali meta sahhqet illi ma kienx hemm il-htiega li l-appellanti ihebb ghall-allegati vittmi sabiex jirripella xi hsara li kienet qed tigi mhedda li isir fil-konfront tieghu, tant illi sahansitra kienet tal-fehma illi kien l-appellanti li ipprecipita l-konfrontazzjoni mertu tal-kaz meta mir-residenza fejn kien jinsab hareg barra fit-triq u ikkonfronta lill-parti leza.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been*

[7] Vide P vs Paul Vassallo [2/10/1954] per W. Harding. Appelli Kriminali

*done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[8]"

Issa Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Issa minnufih jigi osservat illi l-appellanti ma jinvoka l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, ghaliex huwa jishaq illi l-agir tieghu kien necessitat mill-fatt illi David Cassar u shabu kienu qed jaghmlu hsara fuq il-vettura tieghu u fuq il-bieb ta' barra tar-residenza fejn kien jinstab hu flimkien ma' shabu u li kienet din is-sitwazzjoni li wasslitu sabiex jirreagixxi. Illi di piu'jinsab imghallem fil-gurisprudenza:

"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara***

[8] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

***irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri***

***l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima.[9]"***

Issa huwa fatt inkontestat bejn il-ko-litigandi illi l-appellanti fil-mumenti li ipprecedew il-konfrontazzjoni kien jinsab gewwa residenza u mhux barra fit-triq. Fil-fatt jidher illi lanqas biss kien fl-istess sular mat-triq billi huwa ukoll inkontestat illi kien qed jittawwal ghal isfel minn xi tieqa u sabiex acceda ghat-triq nizel it-tarag. Issa jekk dan sehhx unikament ghax kien hemm battibekk bejnu u bejn il-parti leza ghar-rigward tar-rebah tal-League tal-futbol mit-tim tal-Belt, jew inkella ghaliex l-appellanti ra lill-parti leza tikkaguna xi hsara mal-vettura tieghu u jaghti bis-sieq fuq il-bieb tar-residenza fejn kien jinsab hija ghal kollox immaterjali ai fini ta' din l-iskriminanti. Dan ghaliex kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti d-distanza li kien hemm bejn l-appellanti u dan il-grupp ta' nies li kien jinsab barra fit-triq kien tali illi certament ma jistax ighid l-appellanti illi l-periklu li kien rinfaccjat bih kien wiehed li hu ma setax jevita. Bniedem bi prudenza u sagacja ordinarja rinfaccjat bis-sitwazzjoni allegata mill-appellanti (li *del resto* giet skaratata mill-Ewwel Qorti bhala inverosmili) kien jahseb biex icempel lill-pulizija u mhux jinzel jaffronta lill-allegat aggressur tieghu. Kwindi l-fatti probatorji jindikaw car u tond illi l-kundizzjonijiet mehtiega sabiex tissussisti l-legittima difiza certament ma isibux applikazzjoni ghal dan il-kaz. Ma hemmx dubbju ghalhekk li dan kien kaz ta' perikolu anticipat u li seta jigi evitat fejn l-appellanti irreagixxa b'mod kemmxejn vjolenti meta huwa kien irrabbjat ghall-parti leza tant li qabad hadida jew pajp f'idu u nizel fit-triq ghas-sodisfazzjon. Afferrati dawn il-fatti allura lanqas ma tista' tirrizulta l-iskriminanti ta'l-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex sabiex dina d-difiza tista' tirnexxi l-appellanti jenhtieglu jipprova illi kien

[9] Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 App.Inf.

hemm l-element tal-biza', hasda jew twerir li igibu l-impunita' – cirkostanzi li ma gewx ippruvati f'dan il-kaz lanqas sal-grad tal-probabbli. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

L-appellanti imbaghad jilmenta mill-kundanna maghmula fil-konfront tieghu mill-Ewwel Qorti ghal hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €4284, meta jishaq illi l-ammont ta' €3810.60 jirreferu ghad-dritt imhallas lill-espert serologista Paul Sultana sabiex jigi stabbilit illi l-vettura li laqtet lil David Cassar meta kien mixhut fl-art kagun tal-griehi li sofra ma kenitx misjuqa mill-appellanti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti sabet illi ma kienx l-appellanti s-sewwieq tal-vettura li tajjret lil Cassar.

Illi minn ezami ta'l-atti probatorji jirrizulta illi s-serologista Paul Sultana kien gie innominat mill-Inkwirenti fit-18 ta' Mejju 2008 u dan "sabiex wara li jiehu kampjun tad-DNA minn fuq il-persuna ta' Francis Cremona ... jaghmel komparazjoni tieghu ma' kampjun ta' demm misjub fuq il-vettura allegatament misjuqa minnu." Illi imbaghad permezz ta' digriet iehor datat l-1 ta' Gunju 2009 din id-darba moghti mill-Ewwel Qorti (dak iz-zmien fil-vesti istruttorja taghha) l-inkarigu ta'l-espert serologista gie estiz "sabiex bil-kunsens tal-parti leza jiehu buccal swabs ta' David Cassar u sabiex isir ezami komparattiv bejn il-profil genetiku tal-istess David Cassar u dawk l-oggetti indikati fir-rapport tieghu stess esebit fil-proces verbal bhala Dok JM1." Issa fir-rinviju tat-2 ta' Novembru 2009 jidher illi l-Avukat Generali injar minn-nomina li kienet diga saret, rega talab biex jigi mahtur espert serologista sabiex jigi determinat jekk id-demm misjub fuq l-ezebiti kenux kompatibbli ma' dak tal-vittma David Cassar, liema talba giet milqugha b'digriet ta'l-Ewwel Qorti tat-18 ta' Novembru 2009, fejn id-difiza irriservat l-posizjoni taghha in konnessjoni ma' din in-nomina fir-rigward ta'l-ispejjez billi dehrilha illi tali nomina ma kenitx mehtiega. Illi imbaghad fis-eduta tas-16 ta' Novembru 2011 xehed l-espert Sultana fejn rega ikkonferma ir-rapport originali redatt minnu izda ma jidhirx illi kien espleta it-tieni

inkarigu lilu moghti. Wara dan fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2011, l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u ghalhekk jidher illi l-espert qatt ma espleta t-tieni inkarigu lilu moghti.

Issa l-espert irrelata u ipprezenta l-ewwel rapport tieghu quddiem l-Inkwirenti li jinsab esebit fil-proces verbal bhala Dokument PS minn fejn jirrizulta illi l-espert ghamel analizijiet fuq diversi oggetti elevati minn fuq ix-xena tar-reat u li kien fihom il-presenza ta' demm u ghalhekk kjarament ezorbita l-inkarigu lilu moghti mill-Inkwirenti. F'dan ir-rapport fil-fatt saru ezamijiet sahansitra fuq xi oggetti ta' abbiljament, xi bicciet tal-hadid, u xi kampjuni ta' demm minnn gewwa ventura Isuzu Gemini EBA 117. Illi allura l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu intentat. Dan ghaliex fl-ewwel lok l-maggior parti tar-relazzjoni tieghu tezorbita l-inkarigu lilu moghti u fit-tieni lok r-risultanzi li dwarhom irrelata skont l-inkarigu tieghu relatati mad-demm misjuba fil-vettura ma wasslux ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti meta gie allegat mill-Prosekuzjoni illi kien hu li tajjar lil David Cassar bil-vettura tieghu meta dan kien mixhut ferut mal-art. Illi din il-Qorti ghalhekk tqies illi l-appellanti ma ghandux ihallas ghal dawk l-ispejjez peritali marbuta ma-relazzjoni tal-espert serologista Paul Sultana fl-ammont ta' €3810.60.

Illi finalment ghalkemm l-appellanti ma iressaq l-ebda aggravvju ghar-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, madanakollu huwa xortawhada iressaq talba sabiex din il-Qorti ta' revizjoni tirriforma l-piena inflitta u tinfliggi piena inqas harxa. Illi din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn toqghod tixtarr hi l-mottiv li wassal lill-appellanti jaghmel din it-talba u dan meta lanqas iressaq aggravvju fir-rigward biex jispjega il-lanjanza tieghu.

Illi fi kwalunkwe kaz it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-

cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment......**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. .... In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[10]"**

[10] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Illi din il-Qorti ma tarax illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod harxa u dan meta addirittura l-Ewwel Qorti ghogobha taghti piena alternattiva ghal dik ta'l-inkarcerazzjoni. Ghalhekk tqies illi ma ingabitx raguni valida mill-appellanti sabiex twassalha ghal konkluzjoni illi l-piena li giet erogata fil-konfront tieghu kienet kif inghad "*wrong in principle or manifestly excessive*" u ghalhekk din it-talba ser tigi michuda.

Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatment fejn l-appellanti gie ikkundannat ihallas l-ispejjez a tenur ta'l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-ammont ta' €4284 u minflok tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €473.40. Tichad il-kumplament ta'l-aggravvji u tikkonferma id-decizjoni impunjata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur